MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 25/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li *in forza* tieghu wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fis-7 ta' Dicembru 1980 skont kif jidher mic-ceritifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument A;

Illi huma sseparaw legalment fl-20 ta' Novembru 2001 skont kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler hawn anness u mmarkat Dokument B;

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom hamest itfal cioe', S, K, R, E u Q li lkoll huma maggorenni;

Illi l-manteniment stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni dejjem thallas u m'hemmx problemi dwaru;

Illi m'hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat skond il-Ligi;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Jannar, 2013;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Novembru, 2001;

Illi l-Qorti rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------